*DOKUMENT A*

# Statut tal-

# FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

**Fondazzjoni u Sede**

**1.** (1) L-isem tal-Fondazzjoni huwa "Fondazzjoni Għall-iSkejjel ta' Għada".

(2) Is-Sede tal-Fondazzjoni huwa dak l-indirizz li l-Bord tal-Fondazzjoni jiddeċiedi minn żmien għal żmien.

**Personalità ġuridika**

2. (1) Il-Fondazzjoni hija korp ġuridiku li għandha personalita` ġuridika distinta u għandha tkun kapaċi, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-iStatut, li tagħmel kull kuntratt, li timpjega persuni, li takkwista, iżżomm u tiddisponi minn kull xorta ta' propjeta` għal l-iskopijiet tal-funzjonijiet u operat tagħha, li tħarrek u tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet kollha u li tidħol f'dawk it-tranżazzjonijiet li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-iStatut.

(2) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Fondazzjoni għandha tkun vestita fiċ-*Chairperson* tal-Bord tal-Fondazzjoni, salv li l-Bord jista' jaħtar lil xi wieħed jew aktar mill-membri tiegħu jew mill-uffiċjali jew l-impjegati tal-Fondazzjoni biex jidhru f'isem il-Fondazzjoni fi proċedimenti ġudizzjarji kif ukoll f'kull att, kuntratt, strument, jew dokument ieħor ikun liema jkun.

(3) Il-Fondazzjoni m'għandhiex tkun organizzazzjoni għall-profitt.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjoni li din il-Fondazzjoni mhix organizzazzjoni għall-profitt, il-Fondazzjoni hija awtorizzata u intitolata li tidħol f'attivitajiet u twettaq ħidmiet fuq bażi kummerċjali bl-iskop li tkun iffinanzjata l-implimentazzjoni u l-avvanz ta' l-iskopijiet tagħha.

**Missjoni**

3. Il-Fondazzjoni għandha l-Missjoni li tippossjedi, tiżviluppa, tibni, ittejjeb, iżżomm f'kundizzjoni tajba u timmaniġġja skejjel primarji, sekondarju u post-sekondarji għall-livelli kif stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Awtoritajiet ta' l-Edukazzjoni u skond il-prinċipji gwida tal-Kurrikulu Nazzjonali u tal-Kundizzjonijiet Minimi Nazzjonali kif dikjarat fl-Att dwar l-Edukazzjoni.

**Għanijiet tal-Fondazzjoni**

4. L-għanijiet tal-Fondazzjoni huma li -

(a) tiżviluppa u timmaniġġja sistemi alternattivi sostenibbli u ekonomikament vijabbli li jiffinanzjaw u jimmaniġġjaw il-bini, it-titjib, iż-żamma f'kundizzjoni tajba, u l-operat tagħhom; u

(b) tassigura li l-attivitajiet tagħha jkunu konformi mal-politika u strateġiji edukattivi tal-Ministeru responsabbli għall-edukazzjoni.

**Setgħat u funzjonijiet**

5. (1) Is-setgħat u l-funzjonijiet tal-Fondazzjoni huma li:

(a) takkwista u tiddisponi, bi kwalunkwe titli validi skond il-liġi, propjeta` mobbli u immobbli, għal skopijiet kummerċjali jew oħrajn, u li żżomm propjeta` miksuba b'dan il-mod; u l-konsiderazzjoni ta' kwalunkwe akkwist jew tneħħija jista' jkun bi kreditu jew bi flus kontanti jew beni oħra, inkluż it-tqassim ta' ishma jew obbligazzjonijiet, meqjusa bħala mħallsa kollha jew in parti minnhom skond kif ikun il-każ;

(b) tinvesti, tikri, tagħti b'ċens jew b'xi mod ieħor tuża, ittejjeb jew tiżviluppa l-assi tagħha skond kif jiġi determinat minn żmien għal żmien;

(c) tinvesti fi jew iżżomm ishma f'xi Fondazzjoni, kumpanija jew negozju ieħor, jew tipparteċipa fl-immaniġġjar jew l-attivitajiet tagħhom;

(d) tagħti self, avvanzi jew faċilitajiet ta' kreditu lil terzi persuni biss meta neċessarju u f'relazzjoni ma' l-attivitajiet tagħha;

(e) tidħol fi kwalunkwe ftehim, jew kull arranġament marbut ma' l-affarijiet tagħha, ma kull dipartiment tal-gvern jew awtorita' oħra, korporazzjoni, kumpanija jew persuna;

(f) timpjega persunal biss skond il-ħtieġa u terfa' r-responsabbilta' għat-tħaddim, assenjazzjoni fuq xogħol, superviżjoni u dixxiplina ta' uffiċċjali pubbliċi assenjati lill-Fondazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ħaddiema tal-Gvern;

(g) taċċetta u tirċievi fondi jew propjeta' oħra, mobbli jew immobbli, minn Gvernijiet, organizzazzjonijiet internazzjonali, fondazzjonijiet, entitajiet kummerċjali, banek, individwi jew kwalunkwe sors ieħor;

(h) tissellef u tiġġenera fondi għall-iskopijiet u in konnessjoni ma' l-affarijiet tagħha u tiżgura l-ħlas tas-self permezz ta' ipoteka jew ħlas ieħor fuq l-assi jew proprjeta kollha jew parti minnha tagħha fil-preżent u fil-ġejjieni u tifformula, tagħmel, taċċetta, tapprova, tiskonta, teżegwixxi u toħroġ kambjali, kambjalijiet u strumenti oħra negozjabbli u trasferibbli;

(i) tidħol garanti għal ħlas ta' flejjes jew it-twettiq ta' kwalunkwe kuntratt jew obbligazzjoni ta' terzi persuni anke' bl-ipoteka tal-proprjeta' tagħha, issa u fil-ġejjieni;

(j) tbiegħ, tikri jew b'xi mod ieħor tiddisponi mill-proprjeta', assi jew impenn, kollu jew parti minnu tagħha bil-permess miktub tal-Ministeru responsabbli mill-finanzi;

(k) tagħmel kull tip ieħor ta' attivita' jew attivitajiet skond l-iskopijiet tagħha li jistgħu, direttament jew indirettament, ikabbru l-valur jew jagħmluhom kapaċi li jrendu bi profitt il-jeddijiet ta' proprjeta' tagħha kif ukoll li tutilizza kull ħila u għarfien għad-dispożizzjoni tagħha;

(l) tagħmel affarijiet oħra li huma inċidentali jew li jwasslu biex jintlaħqu dawn l-iskopijiet jew uħud minnhom.

(2) Il-paragrafi 'd' u 'h' imsemmija hawn aktar qabel jitwettqu biss wara li l-Fondazzjoni tkun irċeviet il-kunsens bil-miktub tal-Ministru responsabbli mill-finanzi.

(3) Is-setgħat u l-funzjonijiet tal-Fondazzjoni kif speċifikati f'kull wieħed mill-paragrafi ta' qabel f' din il-Klawżola (ħlief biss u sakemm hu provdut mod ieħor f'xi paragrafu) huma setgħat u funzjonijiet tal-Fondazzjoni separati u distinti u bl-ebda mod ma jistgħu jiġu limitati b'referenza għal xi paragrafu ieħor jew għall-ordni kif dawn jidhru jew l-isem tal-Fondazzjoni. Fil-każ ta' kull ambigwita`, din il-klawżola għandha tinftiehem b'mod li jwessa' u mhux inaqqas is-setgħat tal-Fondazzjoni.

**Kostituzzjoni u kompożizzjoni tal-Bord**

6. (1) L-affarijiet tal-Fondazzjoni jkunu mmaniġġjati minn Bord kompost minn mhux inqas minn ħames (5) u mhux iktar minn seba' (7) membri, maħtura mill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni, li wieħed minnhom ikun iċ-*Chairperson* tal-Bord, waqt li persuna oħra tinħatar mill-Ministru responsabbli mill-finanzi. L-ewwel membri tal-Bord tal-Fondazzjoni ikunu dawk imniżżla fi Skeda 1 annessa ma' dan l-Istatut.

(2) Il-membri tal-Bord jinħatru għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin kif jista' jkun speċifikat fil-ħatra tagħhom. Membri li jkunu temmew il-ħatra tagħhom ikunu jistgħu jerġgħu jinħatru.

***Accountability***

7. (1) Il-Bord huwa *accountable* b'mod ġenerali lill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni.

(2) Waqt it-twettiq tal-missjoni, ta' l-iskopijiet u tal-funzjonijiet u s-setgħat tal-Fondazzjoni, il-Bord tal-Fondazzjoni jkun soġġett għal direzzjoni stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni li jkollu wkoll id-dritt li joħroġilha direttivi bil-miktub dwar kull aspett u materja u li jagħtiha xogħol speċifiku.

(3) Fit-twettiq ta' dawk is-setgħat u funzjonijiet tal-Fondazzjoni li għandhom implikazzjonijiet finanzjarji hekk kif inhu speċifikat f'Artiklu 5 ta' dan l-iStatut, il-Bord huwa wkoll soġġett għad-direzzjoni tal-Ministru responsabbli mill-finanzi.

(4) Fit-twettiq ta' dawk is-setgħat u funzjonijiet tal-Fondazzjoni li għandhom implikazzjonijiet marbuta ma' l-Att Dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap.268) hekk kif inhu speċifikat f'Artiklu 5 ta' dan l-iStatut, il-Bord huwa wkoll soġġett għad-direzzjoni tal-Ministru responsabbli mill-amministrazzjoni ta' dana l-Att.

(5) Il-Bord jipprovdi lill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni kull tagħrif u dokumentazzjoni li jista' jitolbu in konnessjoni ma' l-affarijiet tal-Fondazzjoni.

**Proċeduri tal-Bord**

8. (1) Il-membri tal-Bord jiltaqgħu flimkien biex iħabirku l-ħidma, jaġġornaw u jirregolaw il-laqgħat tagħhom, kif jidhrilhom li hu xieraq. Il-Bord jirregola hu l-proċeduri tiegħu u jista', *inter alia,* jaħtar dawk il-kumitati jew sotto-kumitati li jqis li huma meħtieġa għat-twettiq ta' l-iskopijiet tal-Fondazzjoni.

(2) Salv fejn l-iStatut jipprovdi mod ieħor, dawk il-kwistjonijiet li jitqajmu waqt xi laqgħa jiġu deċiżi b'maġġoranza sempliċi ta' voti. Fil-każ ta' mozzjoni b'numru ndaqs ta' voti favur u kontra, iċ-*Chairperson* ikollu wkoll il-vot deċiżiv.

(3) Sabiex il-Bord iwettaq xogħolu jinħtieġ *quorum* ta' nofs il-membri u wieħed.

(4) Riżoluzzjoni bil-miktub, iffirmata mill-membri kollha tal-Bord li huma intitolati li jirċievu avviż ta' laqgħa tal-Bord, tkun valida u effettiva daqs li kieku kienet mittieħda waqt laqgħa tal-Bord li tkun tlaqqgħat kif dovut u li tkun seħħet.

(5) Fit-twettiq tad-doveri tagħhom u fl-eżerċizzju tas-setgħat u tad-diskrezzjoni tagħhom, il-membri għandhom jaġixxu bi prudenza, diliġenza u attenzjoni, u josservaw l-ogħla grad ta' bonafidi.

(6) Kull interess jew sehem ieħor, finanzjarju jew ta' xi xorta oħra li, permezz tagħhom, il-membri tal-Bord jistgħu jibbenefikaw mid-deċiżjonijiet tal-Bord, għandha titniżżel nota tagħhom fid-dettall mill-ewwel fil-minuti tal-Bord u kopja tagħha tintbagħat lill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni. Nuqqas ta' dikjarazzjoni f'dan is-sens jobbliga lill-Bord biex jieħu azzjoni immedjata legali u ġudizzjarja u tiskwalifika awtomatikament lill-membru jew membri milli jservu fil-Bord.

***Accountability* Finanzjarja**

9. (1) Sa l-aħħar ta' Mejju ta' kull sena, il-Fondazzjoni għandha tissottometti lill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni *Business Plan* għat-tliet snin finanzjarji ta' wara flimkien ma' l-istima tan-nefqa u d-dħul kapitali u rikorrenti għas-sena ta' wara. Ħlief għal fondi ġġenerati mill-Fondazzjoni nnifisha jew irċevuti minn sorsi mhux statali, il-Fondazzjoni tibqa' fil-parametri ta' l-ispiża kapitali u rikorrenti allokati lilha mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni kif awtorizzati mill-Ministeru tal-Finanzi.

(2) Il-Fondazzjoni għandha tassigura li jinżammu b'mod xieraq l-*management accounts*, u *records* oħra dwar l-operat u t-tranżazzjonijiet tagħha, u tassigura li jiġi mħejji *statement of accounts* kull tliet xhur u li jintbagħat lill-Ministru responsabbli mill-finanzi bla ebda dewmien.

(3) Il-kontijiet tal-Fondazzjoni jkunu verifikati minn awditur wieħed jew aktar, maħtura mill-Bord minn żmien għal żmien, filwaqt li l-amministrazzjoni finanzjarja tal-Fondazzjoni tkun sottomessa għall-verifika mill-Awditur Ġenerali. Il-kontijiet verifikati jiġu ppreżentati lill-Ministru responsabbli mill-edukazzjoni, lill-Ministru responsabbli mill-finanzi, u lill-Awditur Ġenerali.

(4) Mhux iktar minn tliet xhur mill-għeluq ta' kull sena finanzjarja, il-Fondazzjoni tibgħat kopja ta' l-*istatement of accounts* verifikati, kopja tar-rapport ta' l-awditur jew awdituri dwar dan l-*istatement*, flimkien ma' rapport ta' l-attivitajiet u r-riżultati milħuqa matul dik is-sena, lill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni. Fi żmien tletin ġurnata li jirċevihom, il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni jpoġġi kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati. Il-kontijiet verifikati u r-rapport annwali jiġi

ppreżentat ukoll lill-Ministru responsabbli għall-finanzi u lill-Awditur Ġenerali.

(5) Il-Fondazzjoni għandha, fuq talba tal-Ministru responsabbli mill-edukazzjoni jew mill-Ministru responsabbli mill-finanzi, tissottometti rapporti u verifiki skond kif mitluba.

(6) Il-Fondazzjoni għandha ssegwi proċeduri ta’ akkwist kif regolati mir-Regolamenti ta’ l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku.

**Emendi fl-Istatut**

10. Dan l-iStatut jista' jiġi emendat biss mill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni wara konsultazzjoni mal-Bord u bil-kunsens tal-Prim Ministru.

**Tmiem tal-Fondazzjoni**

11. Jekk, għal xi raġuni, il-Fondazzjoni ma tibqax teżisti, l-assi kollha tagħha jsiru propjeta' tal-Gvern ta' Malta, ħlief għal xi riżervi magħmula minn benefatturi u donaturi fil-każ ta' propjeta' mogħtija minnhom.

12. Dan l-iStatut għandu jiġi anness ma' l-Att li bih twaqqfet il-Fondazzjoni u għandu jkun parti integrali minn dak l-Att.

---------

**SKEDA 1**

L-ewwel membri tal-Bord tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada huma kif ġej:-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Is-Sur Mario Callus | *Chairperson* |
| 2. | Is-Sur Etienne Borg Cardona | Membru |
| 3. | Is-Sur Anton Valentino | Membru |
| 4. | Is-Sur Mark Borg | Membru |
| 5. | Is-Sur Joseph T. Magro | Membru |